***L-14-il-Ħadd matul is-Sena 'B'***
***Biex lil Kristu Nistgħu Nilqgħuh*** *Messalin B 410*

***Antifona tad-Dħul***
Naħsbu, O Alla, fuq it-tjieba tiegħek
f'nofs it-tempju tiegħek.
Bħal ismek, O Alla, hekk tifħirek,
sa truf l-art jasal.
Il-leminija tiegħek bis-sewwa mimlija. *(Salm 69, 2.6)*

***Kolletta***
O Alla, inti rġajt waqqaft id-dinja mġarrfa
billi Ibnek ċekken lilu nnifsu;
imla lill-fidili tiegħek b'ferħ qaddis,
u agħti hena bla tmiem
lil dawk li inti ħlist mill-jasar tad-dnub.
B'Ibnek Ġesu' Kristu Sidna, li hu Alla
u miegħek igħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

***L-Ewwel Qari***
*Nies ta' ras iebsa huma: ħa jkunu jafu li hemm profeota ġo nofshom.*
Qarii mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel. (*Eż 2, 2-5)*
F'dak iż-żmien: l-Ispirtu daħal fija u waqqafni fuq riġlejja;
u smajt x'kien qiegħed igħidli.

"Bin il-bniedem," qalli, "qiegħed nibagħtek għand
ulied Israel, ġens ta' nies rashom iebsa,
li rvellaw kontra tiegħi; dinbu kontra tiegħi
huma u missirjiethom sa llum stess.
Huma nies wiċċhom sfiq u qalbhom iebsa;
se nibagħatlek għandhom biex tgħidilhom,
'Dan igħid Sidi l-Mulej', jisimgħu u ma jisimgħux –
nies ta' ras iebsa huma -- ħa jkunu jafu li
hemm profeta ġo nofshom."
Il-Kelma tal-Mulej

***Salm Responsorjali*** *(Salm 122)*

***R/ Għajnejna lejn il-Mulej, sa ma jħenn għalina.***

Lejk nefa' għajnejja,
int li qiegħed fis-smewwiet,
Ara, bħal għajnejn il-qaddejja
lejn id sidhom, hekk għajnejna. R/

Bħal għajnejn il-qaddejja
lejn id sidtha,
hekk għajnejna lejn il-Mulej, Alla tagħna,
sa ma jħenn għalina. R/

Ħenn għalina, Mulej, ħenn għalina,
Għax mitmugħin sax-xaba' bit-tagħjir.
Imxebbgħa ż-żejjed hi ruħna
bż-żebliħ tal-għonja,
bt-tagħjir tal-kburin. R/

***It-Tieni Qari***
*Niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija, biex tistrieħ fuqi l-qawwa ta' Kristu.*
Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin. *(2Kor 12, -10)*
Ħuti: Biex ma nintefaħx bija nnifsi minħabba
fil-kobor tar-rivelazzjonijiet, tqegħditli xewka f'ġismi,
bħallikieku mibgħuta mix-xitan, biex toqgħod
tniggiżni ħalli ma nintefaħx.
Fuq hekk tliet darbiet tlabt lill-Mulej biex
hi titbiegħed minni. Iżda hu qalli,
"Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi, għax il-qawwa tiegħi
tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef."

Mela bil-qalb kollha aktar niftaħar b'dak li hu
dgħajjef fija, biex tistrieħ fuqi l-qawwa ta' Kristu.
Għalhekk, għall-imħabba ta' Kristu, nifraħ b'dak li
hu dgħajjef fija, bit-tagħjir, tbatijiet, persekuzzjonijiet,
dwejjaq; għax meta jien dgħajjef, dak il-ħin jien qawwi.
Il-Kelma tal-Mulej

***Ħallelujah***
Hallelujah, Hallelujah
Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna,
u 'l dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jkunu wlied Alla.
Hallelujah.

***L-Evanġelju***

*Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu.*
Qari millpEvanġelju skond San Mark. *(Mk 6, 1-6)*
F'dak iż-żmien: Ġesu' mar lejn pajjiżu, u
d-dixxipli tiegħu marru miegħu.
Meta wasal is-Sibt, daħal igħallem fis-sinagoga, u
l-ħafna li semgħuh bdew jistagħġbu u jgħidu:
"Mnejn kisbu dan kollu?" u x'inhu dan il-għerf li
Ngħatawlu biex saħansitra qegħdin isiru
dawn l-egħġubijiet kbar f'idejħ? Dan mhux
il-mastrudaxxa bin Marija, u ħu Ġakbu u Ġoże,
u Ġda u Xmun? U ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?"
U tfixklu minħabba fih.

Qalilhom Ġesu': "Ebda profeta ma hu bla ġieh jekk mhux
f'pajjiżu u fost qrabatu u f'daru stess."

U hemmhekk ma seta' jagħmel ebda miraklu,
ħlief li qiegħed idejh fuq ftit morda u fejjaqhom;
u baqa' mistgħġeb bin-nuqqas ta' fidi tagħhom.
Il-Kelma tal-Mulej

***Talba fuq l-Offerti***
Din l-offerta, Mulej, nikkonsagrawha lil ismek,
u nitolbuk li hija ssaffina
u tagħtina l-għajnuna biex, minn jum għal ieħor,
nagħmlu opri li jixirqu lill-ħajja tas-sema.
Bi Kristu Sidna.

***Antifona tat-Tqarbin***
Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej;
ħieni l-bniedemli jistkenn fih. *(Salm 33,9)*

***Talb wara t-Tqarbin***
Issa li mlejtna b'għajnuna hekk kbira,
nitolbuk, Mulej, biex dejjem tagħtina
d-doni meħtieġa għas-salvazzjoni tagħna,
u li qatt ma nieqfu nfaħħruk.
Bi Kristu Sidna.

***Għal użu ta' l-Animaturi***

***Dahla:*** *Qabel ma s-sacerdot johrog ghall-quddiesa, l-animatur ighid il-hsieb tal-liturgija tal-gurnata):* Meta Kristu kien għadu igħix fostna, kienu ħafna dawk in-nies li laqgħuh, iżda kien hemm oħrajn li rrifjutawh. Dak li ġara fi żmien Kristu għadu jiġri anke llum. Din iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika hija mezz qawwi biex dejjem nagħrfu aħjar lil Kristu u naċċettawh fil-ħajja tagħna. Nagħtu bidu għal din iċ-ċelebrazzjoni bil-kant.....

***L-Ewwel Qari:*** *(Qabel ma l-lettur jibda jaqra l-ewwel qari, l-animaturi ighid il-hsieb tal Lezzjoni:* Il-Missjoni li Alla ried jafda lill-Profeta Eżekjel kienet dik li bla biża' ta' xejn iħabbar il-verita' lill-poplu li ma riedx jifhem u jisma' biex jikkonverti.

***Responsorju tas-Salm:*** Għajnejna lejn il-Mulej, sa ma jħenn għalina.

***It-Tieni Qari:*** *(Qabel ma l-lettur jibda jaqra t-tieni qari, l-animatur ighid):*
San Pawl jitqarr ix-xejn tiegħu biex tidher aktar il-qawwa ta' Kristu.

***Hallelujah/Vangelu:****(Qabel ma jinghad il-Verset, l-animaur ighid il-hsieb tal-Evangelju:*
L-egħġubijiet li għamel Ġesu', flok qanqlu l-fidi ta' niesu, kienu għalihom okkażjoni biex iwebbsu rashom u biex ma jagħrfuħx bħala l-Messija mibgħut minn Alla. Nilqgħu din ix-xandira b'fidi sħiħa fi Kristu, billi nkantaw (jew) ngħidu l-Hallelujah...

***Offertorju:*** *(Xhin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, animator ighid):*
Ġesu' ta' Nazzaret kien ta' skandlu għal min ħares lejĦ bl-għajnejn umani biss. Il-misteru li jseħħ bil-bidla tal-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, hija ħaġa bla valur għal dawk li jħarsu lejha bl-għajnejn tal-ġisem biss. Għalhekk nagħmlu l-offerta tagħna għal din il-bidla qaddisa b'fidi sħiħa, waqt li nkantaw...

***Haruf t' Alla:*** *(Wara li tingha ta l-Paci, l-animatur ighid flimkien mal-poplu);*
Haruf ta' Alla li tnehhi d-dnubiet tad-dinja…..

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-sacerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur ighid:*
It-tħejjija xierqa permezz tal-Kelma ta' Alla u l-ġabra tagħna, iħaffulna t-triq biex niltaqgħu ma' Kristu u b'fidi kbira naċċettawĦ bħala dak li jsalvana. Nersqu għal din il-laqgħa intima miegħu fl-Ewkaristija, waqt li nkantaw...

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-sacerdot ikun jippurifika l-Kalci, l-animatur ighid:*
Lilna li għarafna u lqajna lil Kristu, ikompli jurina lilu nnifsu. Huwa l-profeta li jkellimna dwar il-Verita' ta' Alla. Inroddulu ħajr talli għadu dejjem iwettaq il-missjoni tiegħu ta' profeta magħna permezz tal-Knisja. Inkantaw (jew) ngħidu...

***Gheluq****: (Wara li s-sacerdot ighid it-talba ta' l-ahhar, u qabel ma jaghti l-barka, l-Animatur:* Fuq il-kliem ta' Kristu li smajna llum, inkunu dejjem lesti biex nilqgħu l-kelma ta' Alla minn għand dawk li huwa għażel biex ikomplu l-missjoni tiegħu ta' profeta, fiż-żminijiet tagħna.

***Kant ta' l-Għeluq…***

## Fourteenth Sunday in Ordinary Time

Reading 1
Responsorial Psalm
Reading 2
Gospel

### Reading 1 Ez 2:2-5

As the LORD spoke to me, the spirit entered into me
and set me on my feet,
and I heard the one who was speaking say to me:
Son of man, I am sending you to the Israelites,
rebels who have rebelled against me;
they and their ancestors have revolted against me to this very day.
Hard of face and obstinate of heart
are they to whom I am sending you.
But you shall say to them: Thus says the LORD GOD!
And whether they heed or resist—for they are a rebellious house—
they shall know that a prophet has been among them.

### Responsorial Psalm Ps 123:1-2, 2, 3-4

R. (2cd) **Our eyes are fixed on the Lord, pleading for his mercy.**

To you I lift up my eyes
who are enthroned in heaven —
As the eyes of servants
are on the hands of their masters.
R. **Our eyes are fixed on the Lord, pleading for his mercy.**

As the eyes of a maid
are on the hands of her mistress,
So are our eyes on the LORD, our God,
till he have pity on us.
R. **Our eyes are fixed on the Lord, pleading for his mercy.**

Have pity on us, O LORD, have pity on us,
for we are more than sated with contempt;
our souls are more than sated
with the mockery of the arrogant,
with the contempt of the proud.
R. **Our eyes are fixed on the Lord, pleading for his mercy.**

### Reading II 2 Cor 12:7-10

Brothers and sisters:
That I, Paul, might not become too elated,
because of the abundance of the revelations,
a thorn in the flesh was given to me, an angel of Satan,
to beat me, to keep me from being too elated.
Three times I begged the Lord about this, that it might leave me,
but he said to me, "My grace is sufficient for you,

for power is made perfect in weakness."
I will rather boast most gladly of my weaknesses,
in order that the power of Christ may dwell with me.
Therefore, I am content with weaknesses, insults,
hardships, persecutions, and constraints,
for the sake of Christ;
for when I am weak, then I am strong.

## Gospel Mk 6:1-6

Jesus departed from there and came to his native place, accompanied by his disciples.
When the sabbath came he began to teach in the synagogue,
and many who heard him were astonished.
They said, "Where did this man get all this?
What kind of wisdom has been given him?
What mighty deeds are wrought by his hands!
Is he not the carpenter, the son of Mary,
and the brother of James and Joses and Judas and Simon?
And are not his sisters here with us?"
And they took offense at him.
Jesus said to them,
"A prophet is not without honor except in his native place
and among his own kin and in his own house."
So he was not able to perform any mighty deed there,
apart from curing a few sick people by laying his hands on them.
He was amazed at their lack of faith.